IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru3 (tlieta) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

**3.1. Item Nru 3.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

3.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.49pm u kulħadd kien preżenti

**3.2. Item Nru. 3.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**3.3 Item Nru. 3.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq is-sinjali li l-Kunsill ġab stima mingħand il-Koptasin biex isiru l-linji tan-nofs ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq l-Ispnott u

Dawret ix-Xatt. Il-Kunsill qabel li jsiru mil-Koptasin bil-prezz indikat fl-istima pero s-Sinjorina Rosabelle Pulis ma qablitx minħabba li qalet li dawn jistgħu isiru mil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

3.3.2 Is-Sur Attard qal li x-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix miexi ġmielu u issa ser jaqbad Triq Dwardu Ellul kif ukoll Dawret ix-Xatt.

3.3.3 Is-Sindku qal li ser inġibu stima ta' bollards u u-bars sabiex ikunu jistgħu jiġu installati max-Xgħajra kollha fejn hemm bżonn.

3.3.4 Is-Sur Attard qal li l-attivita ta' Xtajta tlellex ser issir nhar it-3 ta' Awwissu mil-5 -il quddiem u hemm kollox preparat. Kull ma jonqos li nixtru trophies għar-rebbieħa. Il-Kunsill ser ikun qiegħed joħroġ madwar €500.

3.3.5 Is-Sindku dwar il-problema ta' parkeġġ qal li tkellem mal-Pulizija fejn dawn qed jieħdu azzjoni u iħarku lil min mhux qed josserva l-liġi.

Dwar din l-istess tema il-Kunsill qabel li jitqabbdu community officers sabiex jiġu nhar is-Sibt filgħaxija bejn is-7pm u l-11pm ħabba infurzar fuq parkeġġ kif ukoll jiġu nhar l-Erbgħa filgħodu bejn il-5am u d-9am fuq infurzar ta' skart.

Il-Kunsill qabel ukoll li ikollna rendikont ta' xi jkunu ingħataw ċitazzjonijiet.

3.3.6 Is-Sur Attard qal li dalgħodu kellna laqgħa mal-Perit Leonard Spiteri fejn sar ftehim li jsir sketch ta' ma ġenb il-ground slab bil-proposta li jsir indoor pool il-parti ta' isfel u fuq ikun hemm latrina pubblika kif ukoll lecture room. Imbgħad in-naħa l-oħra isir pitch tal-boċċi.

Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu laqgħa mal-Onor. Clifton Grima sabiex naraw jekk hux possibbli li l-flus li għandna allokati għal jogging track jittieħdu parti minnhom biex jiffinanzjaw dan il-proġett.

Il-Kunsill tkellem ukoll fuq il-problema ta' ilma dieħel fil-multipurpose hall fejn u jixtieq jerġa jiltaqa' mal-Perit dwarha biex naraw kif ser tissolva.

**3.4 Item Nru 3.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

3.4.1 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet lil min nistgħu nistaqsu fuq il-propjeta li tinsab fi Triq iċ-Ċern kantuniera ma' Triq Karmelo Ritchie għaliex din tinsab fi stat ħażin u ta' min tittieħed azzjoni.

3.4.3 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk jistgħux ikollna bħal postijiet oħra swimmers' zones li jkunu indikata b'permezz tal-blalen. Is-Sindku qal li għal din is-sena tlabna pero jidher li s-sena d-dieħla ser isiru.

3.4.3 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq ir-rampa li kellha tiġi rranġata ta' Sqaq Alessi. Is-Segretarju qal li din tinsab fil-programm biex issir mil-ħaddiema assenjati.

3.4.4 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk hi hux ser ikollha aċċess għal garage ta' fejn il-Librerija. Is-Sur Attard qal li jixtieq li jkollu l-programm tal-attivitajiet li ser isiru.

3.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk jistax ikollna lista ta' kuntatti ta' dawk in-nies li għandna servizzi tagħhom kif ukoll ta' entitajiet. Is-Segretarju qal li ser jibgħat il-lista li għandu hu mil-aktar fis.

3.4.6 Is-Sinjura Doris Borg qalet jekk hux possibbli li din is-sena noħorġu newsletter għal ħabta tal-Milied. Is-Sindku qal li din is-sena trid issir għalhekk li jkun hemm bżonn huwa li kull kunsillier jagħmel rapport żgħir ta' nofs paġna.

3.4.7 Is-Sinjorina Rosabelle Pulis riedet tiċċara li fuq is-sinjali tan-nofs hi mhux oġġezzjonat pero taf li l-ħaddiema tal-Kunsill huma kapaċi wkoll u l-istess ħaġa għal qtugħ tal-ħaxix.

3.4.8 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistgħux isiru bollards u u-bars ġodda u s-Sindku wieġed fil-pożittiv.

3.4.9 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistgħux jiċċaqalqu xi bins li hemm fil-bus stops għaliex qiegħdin viċin wisq ta' min ikun fil-bus stop fosthom wieħed fi Triq Karmelo Ritchie u ieħor fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv u li ser jiġu mċaqalqa fil-ġranet li ġejjin.

3.4.10 Is-Sa. Pulis staqsiet dwar il-humped zebra ta' Dawret ix-Xatt jekk kienx hemm xi aġġornament. Mil-informazzjoni li għandha hi qalet li ġiet approvata u li fi żmien ġimgħatejn għandha ssir. Hi staqsiet ukoll jekk nistgħux inkellmu lil TM sabiex naraw jekk tistax issir oħra aktar l-isfel fid-dawra.

3.4.11 Is-Sa. Pulis staqsiet ukoll jekk nistgħux inkellmu lil TM fuq Triq iċ-Ċern biex naraw tistax tiġi l-isfel flok il-fuq. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal li hemm bżonn ukoll nagħmlu l-parti ta' fuq ta' Triq Orlando Zabbar one way ukoll.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.4.12 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux inkellmu lis-Sanita minħabba li hemm id-Dar li kien joqod fiha Cordina mimlija ġrieden u il-ġirien qed igergru ħafna.

Fuq l-istess tema s-Sur Camilleri qal li hemm problema ta' intejjen ħerġin minn garaxxijiet taħt l-art fi Triq Leonard mahoney kantuniera ma' Triq il-Knisja.Is-Segretarju qal li ser jibgħat lis-sessjoni tal-Environmental Health.

3.4.13 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nibgħatu lil tad-drenaġġ rapport li fi Triq Orlando Zabbar il-biċċa ta' fuq hemm tappiera li qed trejjaħ ħafna.

3.4.14 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistawx isiru tabelli max-Xatt li jgħidu biex il-klieb jinżammu biċ-ċinga. Is-Segretarju qal li ser iżida mal-ordni li għandna tat-tabelli.

3.4.15 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistgħu isiru ktajjen fis-slip ways sabiex ma jipparkjawx aktar karozzi fihom. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-ktajjen.

3.4.16 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux nirrangaw tabella ta' No Entry fi Triq il-Knisja minn Dawret ix-Xatt għaliex tinsab mgħottija b'arblu tad-dawl. Is-Segretarju qal li ser tiġi rranġata mil-aktar fis bil-ħaddiema assenjati.

**3.5 Item Nru. 3.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

3.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapporti finanzjarji tal-ewwel kwart u t-tieni kwart tas-sena u ġew approvati.

**3.6 Item Nru. 3.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

3.6.1 Il-Kunsill qabel li nibdew nindividwaw dawk il-bankini li għandhom problema fil-kurduni sabiex nirranġawhom.

**3.7 Item Nru. 3.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

3.7.1 Pagamenti b'numru 2 ġew approvati unanimament.

**3.8 Item Nru. 3.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

3.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

IX-XGĦAJRA

**3.9 Item Nru. 3.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

3.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |